**Fil-Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Juris (EUR Law)**

**Citaz. Nru: 1405(A)/99/PV**

**REGISTRATUR TAL-QRATI SUPERJURI**

**VS**

**ANTHONY MANDUCA personalment kif ukoll bhala editur ta' " THE MALTA INDEPENDENT ON SUNDAY ", u**

**KARL SCHEMBRI personalment kif ukoll bhala artikolista.**

**Illum, 18 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni prezentata mir-Registratur tal-Qrati Superjuri (Gemma Debono) fis-16 ta'Settembru, 1999, li biha wara li ppremettiet :

1. Illi b'rikors tal-5 ta'Lulju, 1999, l-Avukat Generali gieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-fatt li fil-gurnal ' The Malta Independent on Sunday ' tal-Hadd, 4 ta'Lulju, 1999, gie publikat artikolu attribwit lil Karl Schembri, intestat " PM's No Comment on New Twist to Attempted Murder " fl-ewwel pagna ta' l-istess gurnal, u li jkompli fil-pagna 7 bis-subtitolu " New Testimony ", li fih jinghad li :

*“ Mr. Jensen however revealed on Friday that he had seen three people and not two, contrary to what had always been reported until his latest claim. ‘ When I saw Zeppi in Court I realised that he was one of Mr. Cachia Caruana’s assailants and not Zambi*,’ he said “ ;

2. Illi l-Avukat Generali fl-istess rikors qal illi dan it-tip ta’ rapportagg konsistenti f’pastiche ta’ siltiet izolati hu wiehed qarrieqi li jistorpja w mhux jirrapporta dak li gara fil-guri ‘*Ir-Repubblika ta’ Malta –vs- (omissis) Ian Farrugia {Att ta’Akkuza: 3/1997}* ‘, u, ghaldaqstant, talab lil din il-Qorti tiehu dawk il-passi li jidrilha xierqa w opportuni fil-konfront ta’ l-editur tal-gurnal msemmi w tal-firmatarju ta’ l-istess artikolu ;

3. Illi b’digriet tal-21 ta’Lulju,1999, din il-Qorti kkonkludiet li l-Artikolu in kwistjoni, u specjalment il-bran riportat fuq, jammonta prima facie ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha, u, ghalhekk, ordnat lir-Registratur sabiex minnufih jipprocedi kontra l-imsemmija Anthony Manduca w Karl Schembri ghal dan id-disprezz skond l-Artikolu 1003 A tal-Kodici ta’Organizzazzjoni w Procedura Civili, kollox kif ahjar jidher mid-dokument anness markat ‘XI’;

3. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

TALAB ghalhekk lill-konvenuti Anthony Manduca w Karl Schembri jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

(1) Issibhom hatja ta’disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap. 12), u

(2) Tikkundannahom ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex jwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta’Mandat ta’Skorta jew ta’Arrest.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Gemma Debono fil-kwalita' taghha ta'Registgratur tal-Qrati Superjuri, konfermata bil-gurament, li tghid testwalment hekk :

1. Illi b'rikors tal-5 ta'Lulju, 1999, l-Avukat Generali gieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-fatt li fil-gurnal " The Malta Independent on Sunday ", tal-Hadd, l-4 ta'Lulju, 1999, gie pubblikat artikolu attribwit lil Karl Schembri intestat "PM's No Comment on New Twist to Attempted Murder " fl-ewwel pagna ta' l-istess gurnal w li jkompli fil-pagna 7 bis-subtitolu " New Testimony ", li fih jinghad li :

   " *Mr. Jensen however revealed last Friday that he had seen three people and not two, contrary to what had always been reported until his latest claim.*
   *' When I saw Zeppi in Court I realised that he was one of Mr. Cachia Caruana's assailants and not Zambi* ', he said. "

2. Illi l-Avukat Generali fl-istess rikors qal illi dan it-tip ta'rapportagg konsistenti f'pastiche ta'siltiet izolati hu wiehed qarrieqi li jistorpja u mhux jirrapporta dak li gara fil-guri " *Ir-Repubbblika ta' Malta –vs- (omissis) Ian Farrugia, Att ta'Akkuza 3/1997* ", u, ghaldaqstant, talab lil din il-Qorti tiehu dawk il-passi li jidrilha xierqa w opportuni fil-konfront ta' l-editur tal-gurnal imsemmi w tal-firmatarju ta' l-istess artikolu.

3. Illi b'digriet tal-21 ta'Lulju, 1999, din il-Qorti kkonkludiet li l-artikolu in kwistjoni, u specjalment il-bran riportat fuq, jammonta prima facie ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha, u, ghalhekk, ordnat lir-Registratur sabiex minnufih jipprocedi kontra l-imsemmija Anthony Manduca w Karl Schembri ghal dan id-disprezz skond l-Artikolu 1003 A tal-Kodici ta'Organizzazzjoni w Procedura Civili, kollox kif ahjar jidher mill-inkartament anness markat Dokument XI.

Rat il-lista tax-xhieda li ir-Registratur tal-Qrati Superjuri iddikjarat li kienet ser tipproduci, kif ukoll l-elenku tad-dokument esebiti minnha.

Rat in-Nota ta'eccezzjonijiet ta' Anthony Manduca w Karl Schembri datata 18 ta'Ottubru, 1999, li biha taw s-segwenti eccezzjonijiet, u cioe' :

1. In linea preliminari r-Registratur tal-Qrati ghandha tiddikjara l-Artikolu procedurali a bazi ta'liema hija pprezentat citazzjoni fil-Qorti Kriminali, liema procedura l-eccipjenti umilment jissottomettu li ma tezistiex u ghalhekk, fin-nuqqas, talbu l-liberatorja ;
2. In linea preliminari, u minghajr pregjudizzju ghall-premess, eccipew ukoll in-nullita' tac-citazzjoni stante li fiha korrezzjonijiet mhux awtorizzati fuq l-ewwel faccata ;
3. In subordinazzjoni ghall-premess, u minghajr pregjudizzju, eccipew ukoll in-nullita' tac-citazzjoni a tenur ta' l-inosservanza ta' l-Artikolu 156 (1)(a);
4. In subordinazzjoni ghal dak gja' premess u minghajr pregjudizzju, eccipew in-nullita' tac-citazzjoni a bazi ta' l-inosservanza ta' l-Artikolu 156 (3) ;
5. Minghajr pregjudizzju ghal dak kollu premess, eccipew li r-Registratur tal-Qrati ghandha tigi mitluba tiddikjara l-prova mahsuba minn kull xhud a tenur ta' l-Artikolu 156 (8) u dan sabiex l-eccipjenti jkunu jistghu jirregolaw ruhom ahjar ;
6. Fil-meritu w minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-Regsiratur tal-Qrati ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet :

a. Id-disprezz ilmentat mir-Registratur (Direttrici) tal-Qrati Superjuri ma jissusstix taht l-ebda Artikolu mit-Titolu XVII, Kap. 12, su citat ;

b. Illi l-artikolu ilmentat ma storpja l-ebda verita' u aktar u aktar ma kienx qarrieqi, kien biss rappurtagg ta' siltiet li kienu gja' dehru fil-gazzetti lokali ta'kuljum, u li dwarhom ma ttiehdux passi ;

*c.* Illi l-artikolu ccita fedelment parti mix-xhieda li nghatat fil-guri "*Ir-Repubblika ta'Malta –vs- (omissis) Ian Farrugia";*

d. Illi l-artikolista kien qed jezercita d-dritt u l-obbligu tieghu li jirrapporta dwar dak li kien sehh. Il-grajja kellha news value stante li x-xhieda ta'Nicholas Jensen qabel kienet inghatat bil-bibien maghluqa ;

e. Illi din l-azzjoni fil-konfront ta' l-eccipjenti hija diskriminatorja fil-konfront taghhom u dan a bazi tal-fatt li dan l-istess guri kien u ghadu soggett ghall-attenzjoni kontinwa tal-media w tal-politici, gew rappurtati siltiet minn xhieda fuq gazzetti ta'kuljum, sahansitra anke f'avvizi, u ta' dawn hadd qatt ma tressaq quddiem il-Qorti. Jinghad ukoll li l-istess siltiet li ukoll dehru f'edizzjonijiet precedenti ta'gazzetti lokali.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Anthony Manduca w Karl Schembri, pro et noe, u cioe' :

1. Illi huma kienu ddiskutew bejnithom l-artikolu li kellu jittratta x-xhieda li nghatat waqt il-guri ;
2. Illi huma kienu qed isegwu dak li kien ghaddej fil-guri permezz ta' l-ahbarijiet kemm stampati kif ukoll televizivi, u jikkonfermaw li dak li nkiteb kien digja' hareg fl-ahbarijiet qabel ;
3. Illi l-grajjiet kollha dwar il-guri kienu mertu ta' skrutinju kontinwu, kemm bhala ahbarijiet, intervisti, kummentarji politici, avvizi ghal skopijiet politici w kredibilita', u anke ittri fil-gazzetti lokali ;
4. Illi l-artikolu jittratta parti minn xhieda li nghatat fil-guri, u huwa rappurtagg fidil tal-kliem li ntqal fix-xhieda. Bl-ebda mod ma storpja l-verita' jew kien qarrieqi, u zgur li ma kienx hekk intiz ;
5. Illi sa fejn jafu huma, dan kien l-uniku kaz fejn il-prosekuzzjoni li mexxiet il-guri, talbet lill-Qorti sabiex jittiehdu proceduri ghad-disprezz ta' l-istess Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda li l-istess Anthony Manduca w Karl Schembri, pro et noe, bi hsiebhom jipproducu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta'Marzu, 2000, minn fejn jirrizulta li l-partijiet kellhom jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata.

Rat in-nota ta'osservazzjonijiet ta' Anthony Manduca w Karl Schembri, pro et noe, datata 6 ta'Gunju, 2000, dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata minnhom.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati datata 10 ta'Lulju, 2000, dejjem dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata.

Semghet liz-zewg nahat jittrattaw verbalment din l-eccezzjoni waqt is-seduta tal-15 ta'Dicembru, 2000, kif ukoll rat il-verbal ta' din is-seduta minn fejn jirrizulta li l-Qorti, fuq talba taz-zewg nahat, tathom zmien sabiex jaghmlu nota ta'sottomissjonijiet ulterjuri dwar din l-eccezzjoni.

Rat in-nota ta'osservazzjonijiet ulterjuri ta' Anthony Manduca w Karl Schembri, pro et noe, datata 24 ta'Jannar, 2001, kif ukoll dik responsiva tar-Registratur tal-Qrati, datata 15 ta'Frar, 2001.

Semghet liz-zewg nahat jerghhu jittrattaw din l-ewwel eccezzjoni waqt is-seduta ta' l-14 ta'Marzu, 2001.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment dak li qed jikkontendu Anthony Manduca w Karl Schembri, pro et noe, fl-ewwel eccezzjoni taghhom hi li din il-Qorti Kriminali mhiex kompetenti li tisma dawn il-proceduri. Hu propju dan li z-zewg nahat issottomettew ampjament fid-diversi noti taghhom fuq riferiti, u anke fis-sottomissjonijiet verbali taghhom.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi kif jirrizulta min dak li qed jigi allegat, din il-kawza odjerna titratta dwar kawza ta'disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti Kriminali in segwitu ghal digriet li tat din l-istess Qorti, diversament presjeduta, fil-kors tal-proceduri bil-guri "*Ir-Repubblika ta' Malta –vs- (Omissis) Ian Farrugia, Att ta'Akkuza Nru. 3/1997*", u precizament bid-digriet taghha tal-21 ta'Lulju, 1999, fejn ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jipprocedi kontra Anthony Manduca w Karl Schembri ghal dan id-disprezz ai termini ta' l-Artikolu 1003 A tal-Kodici ta'Organizzazzjoni w Procedura Civili (Dok XI esebit f'dawn l-atti).

Tali disposizzjoni promulgata bl-Att XXIV tal-1995 tghid hekk:

> " *Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan it-titolu, f'kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti, il-procedimenti mehtiega w ghal finijiet w effetti kollha tal-ligi, huwa ghandu jitqies bhala l-attur*."

Hu ferm ovvju li dan l-Artikolu 1003 A isemmi biss lir-Registratur tal-Qorti li ghandu jibda dawn il-proceduri ghaliex tali ordni kontemplata fl-istess Artikolu tista' tinghata kemm mill-Qrati Superjuri kif ukoll mill-Qrati Inferjuri, u ghalhekk din taqa' taht il-mansjonijiet tar-Registratur skond il-funzjonijiet tieghu kif deskritti fl-Artikolu 57 tal-Kap. 12. Hu propju ghalhekk, allura, li l-ordni moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, dik tal-21 ta'Lulju, 1999, ai termini ta' l-Artikolu 1003 A tal-Kap. 12, kellha dejjem tigi esegwita mir-Registratur tal-Qorti. Fuq dan il-punt ma hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni hija jekk ir-Registratur kellux jesegwixxi din l-ordni quddiem din il-Qorti, li hija l-istess wahda li ghamlet dik l-ordni, jew kellux jibda il-proceduri ghad-disprezz quddiem xi Qorti ohra bhal ma hi, per ezempju u ghall-grazzja ta' l-argument biss, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ghalkemm ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti tirrikonoxxi li kull procediment ghall-disprezz huwa wiehed essenzjalment ta' indole jew natura kriminali.

Minn dak kollu li gie sottomess miz-zewg nahat fuq din l-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti tara li hemm zewg principji fundamentali li, in bazi taghhom, u wara li kkunsidrathom profondament, hi tista' tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

<u>L-ewwel punt</u> ta'kunsiderazzjoni hu li, ghalkemm, kif gja' inghad, dawn il-proceduri ghall-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti huma ta' indole kriminali, b'dana kollu, il-legislatur fl-imsemmi Artikolu 1003 A tal-Kap. 12, bla ebda mod ma jghid, jew jista' jigi interpretat li qed jghid, li r-Registratur tal-Qorti ghandu jipprocedi f'xi Qorti partikolari jew f'dik il-Qorti li tkun tat dik l-ordni hemm imsemmija. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-Artikolu hu daqxejn vag u xejn car, u jindika li din il-kwistjoni in ezami, anke sal-lum, ghada fi stadju ta' evoluzzjoni wara l-emenda promulgata bl-Att XXIV tal-1995 fuq imsemmija. Li jolqot lil din il-Qorti, izda, hu l-kliem uzat mill-legislatur fejn jghid li f'dawn il-proceduri, <u>ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, ir-Registratur ghandu jitqies bhala l-attur.</u>

U hu propju hawnhekk li din il-Qorti tifhem u tara li ghalkemm dawn huma proceduri ta'natura kriminali, fejn kif hu saput ma tezistiex il-figura tal-parti bhal ma hi dik ta' l-attur fil-proceduri civili, meta l-legislatur semma l-figura ta' l-attur Registratur tal-Qorti, hu kien qed jintendi li l-proceduri ghandhom jittiehdu quddiem l-Qorti ta'kompetenza civili, bhal ma hi, per ezempju, il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Fil-fatt, anke wara l-emenda tal-1995, hemm sensiela ta'proceduri simili bhal dik odjerna, fejn kienet inghatat ordni lir-Registratur sabiex jibda dawn il-proceduri ghal disprezz ta' l-awtorita' tal-Qorti, u fejn l-istess Registratur ipproceda quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Bhala ezempju wiehed biss, u a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti ssemmi l-proceduri mibdija mir-Registratur tal-Qorti in bazi ta' l-Artikolu 1003 A tal-Kap. fl-ismijiet "<u>Ir-Registratur tal-Qorti –vs- Anthony Gauci. Citaz Nru. 2637/97/RCP; deciza 23 ta'Marzu, 1999</u>". Barra min din il-kawza msemmija, hemm ruxmata ta'kawzi ohra identici fejn kostantement gew inizjati, trattati w decizi mill-Qorti ta'kompetenza civili w mhux mill-Qorti Kriminali, dan dejjem minkejja l-fatt li l-procediment ghal disprezz lejn il-Qorti jibqa' ta'natura kriminali w id-disprezz fih innifsu jikkostitwixxi reat.

Tant hu hekk, li fejn si tratta ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti li jsir *in faciem curiae*, ai termini ta' l-Artikoli 991 u 992 tal-Kap. 12, hawnhekk il-legislatur qed jghati l-fakolta' lil dik il-Qorti, ta'liema kompetenza li tkun, sija dik kriminali jew anke civili, sija jekk hi Qorti Inferjuri jew wahda Superjuri, li jekk dan l-att ta'disprezz isir quddiemha waqt is-smigh ta' xi proceduri, anke civili, f'dak il-hin stess il-gudikand sedenti jista' japplika u jghati l-pieni ghal dak ir-reat ta'disprezz skond kif imsemmija fil-Kodici Kriminali. Dan ifisser li anke jekk tkun Qorti ta' kompetenza civili li quddiemha jsir ir-reat in kwistjoni, din ma tirreferihx lill-Qorti ta'kompetenza kriminali sabiex tittrattah u tiggudikah, izda tghaddi sabiex tapplika minnufiha l-pieni stabbiliti ghal dak ir-reat taht il-Kodici Kriminali.

Multo magis, allura, din il-Qorti tifhem li meta l-legislatur uza il-kelma "**attur**" fl-Artikolu 1003 A tal-Kap. 12 ghal figura tar-Registratur fil-proceduri li ghandu jibda ai termini ta' dan l-Artikolu, hu kien qed jintendi li dawn il-proceduri ghandhom isiru quddiem Qorti ta'kompetenza civili, bhal ma effettivament u realment fil-prattika dejjem sar, kif abbondantement turi l-gurisprudenza nostrana, u mhux quddiem il-Qorti Kriminali.

It-tieni punt li kkunsidrat din il-Qorti, bhala Qorti Kriminali li originarjament tat l-ordni fil-21 ta'Lulju, 1999, in bazi ta' l-Artikolu 1003 A tal-Kap. 12, u li quddiemha r-Registratur tal-Qorti gab dawn il-proceduri w qed jitlobha sabiex tkun hi stess li ssib lill-Anthony Manduca u Karl Schembri, proprio et nomine, hatja ta'disprezz lejn l-awtorita' taghha w tikkundannahom ghall-pieni relattivi, u apparti l-fatt li f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti qed thossha ferm skomda ghaliex qed tara lilha nnifisha bhala l-gudikand fil-kawza propja taghha, stante li l-allegat reat ta'disprezz sar fil-konfront taghha, u hi gja' esprimiet ruha fl-imsemmi digriet taghha ghall-anqas fuq bazi ta' prima facie, u allura jista' jigi nieqes il-principju fondamentali ta' imparzjalita', il-funzjoni, kompetenza u komposizzjoni ta' din il-Qorti Kriminali hija wahda stipulata mill-ligi.

Dan johrog car mit-Titolu IV (Artikoli 436-439) tat-Tieni Ktieb, Taqsima I, intitolat Ligijiet ta'Procedura Kriminali, fil-Kodici Kriminali (Kap. 9).

L-imsemmi Artikolu 436 (1) tal-Kap. 9 jghid testwalment hekk :

> “ *Il-Qorti Kriminali tkun ikkostitwita minn wiehed mill-Imhallfin* *li joqghod flimkien ma’guri* *sabiex jiggudika kull reat li dwaru tista’ titmexxa azzjoni kriminali skond il-ligi salvi d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 370*.”

Minn din id-disposizzjoni huwa ferm evidenti li f’din il-Qorti Kriminali, l-Imhallef sedenti ma jistghax jiggudika wahdu, specjalment fejn si tratta ta’ fatti ghaliex flimkien mieghu, fil-komposizzjoni taghha, irid legalment, ‘ad validitatem’, ikun hemm il-guri u huwa dan li jiddeciedi fuq il-fatti. L-imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali jispjega u jaghti kull direzzjoni mehtiega fuq dak li jikkoncerna punti ta’ligi u fuq dan il-guri obbligat li joqghod. Izda ghal dawk li huma fatti, din hija l-mansjoni esklussiva tal-guri. U f’dawn il-proceduri in ezami, essenzjalment ir-Registratur tal-Qrati qed jitlob lil din il-Qorti, presjeduta minn Imhallef biss, minghajr il-guri, biex tghati d-decizjoni taghha fuq punti ta’fatt.

Dan kollu jfisser u jindika li fil-proceduri in kwistjoni quddiem din il-Qorti Kriminali, kif komposta, hi ma tistghax tisma u tiddeciedi dawn il-proceduri ghaliex jonqos il-guri, u, kif hu ben saput, ir-reat ta’disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti, li ma jkunx dak *in faciem curiae*, qua reat, fih innifsu, wahdu w meta ma jkunx akkompanjat minn xi reat jew reati ohra li jaqghu esklussivament fil-kompetenza ta’ din il-Qorti Kriminali, jigi trattat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali. Hemm eccezzjoni stipulata mill-ligi meta din il-Qorti, presjeduta minn Imhallef wahdu biss, tista’ tisma w tiddeciedi hi minghajr il-guri, cioe’ meta jkun l-akkuzat stess li jghazel hekk, cioe’, li jigi gudikat mill-Imhallef biss li jippresjedi din il-Qorti u minghajr il-guri. Izda dan mhux il-kaz f’dawn il-proceduri in ezami.

Hija ghalhekk assurdita’ legali li din il-Qorti Kriminali, li skond il-ligi ghandha tkun komposta minn Imhallef flimkien ma’guri, qed tigi mitluba mir-Registratur tal-Qrati li tisma hi dawn il-proceduri ghall-disprezz lejn l-awtorita' taghha stess, in segwitu ta’ordni li hi stess tat fil-21 ta’Lulju, 1999, u fejn allura, jonqos l-element ferm importanti, necessarju w essenzjali, sabiex hi tkun legalment

komposta skond l-Artikolu 436 (1) tal-Kap. 9., cioe' il-guri. Barra minn hekk, kif gja' inghad, akkuza semplici w wahedha ta'reat ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, fi kwalunkwe kaz, mhux wiehed mir-reati li normalment jigu trattati u decizi minn din il-Qorti komposta skond il-ligi minn Imhallef flimkien ma'guri, hlief jekk id-disprezz ikun wiehed li jkun sar waqt xi proceduri pendenti quddiemha *in faciem curiae*.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata minn Anthony Manduca w Karl Schembri, proprio et nomine, dwar il-kompetenza taghha, u filwaqt li tiddikjara li mhux fil-kompetenza taghha li tisma hi dawn il-proceduri, tordna l-liberatorja taghhom, u tiddeciedi li ma tkompliex tiehu konjizzjoni aktar ta' dawn il-proceduri. Bl-ispejjes kollha a karigu tar-Registratur tal-Qrati.